# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Ġunju 2022**

**Talba Nru: 247/21 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**David Mallia (K.I. 283582(M)) u Mary Mallia (K.I. 78758(M))**

**Vs**

**Infrastructure Malta, Kunsill Lokali Mġarr, Joseph Cachia & Son Limited (C-93), Asfaltar Construction Limited (C-38006) u Malta Enterprise**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-24 ta' Awwissu 2021[1] tramite liema l-atturi talbu lill-konvenuti, in *solidum*, iħallsu l-ammont ta' ħames t'elef Ewro (€5,000) rappreżentanti danni kif aħjar deskritt fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' ittra uffiċjali u l-imgħax;

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut[2] li apparti eċċezzjoni ta' leġittimu kuntradittur u eċċezzjoni ta' preskrizzjoni a tenur tal-aritkolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, eċċepixxa oħrajn fil-mertu;

Ra r-risposta tas-soċjetá konvenuta Asfaltar Construction Limited[3];

Ra r-risposta tal-Aġenzija konvenuta Infrastructure Malta[4] li wkoll laqgħet għal din il-pretiża b'eċċezzjoni li hija m'hijiex il-leġittimu kuntradittur apparti eċċezzjonijiet oħra fil-mertu;

Ra r-risposta tal-konvenuta Malta Enterprise[5], b'mod partikolari l-ewwel eċċezzjoni tal-istess fejn qiegħda tattakka l-kompetenza ta' dan it-Tribunal *ratione valoris* għaliex skond hi bil-fatt li qiegħed jintalab imgħax fuq ammont fil-limitu tal-kompetenza tiegħu, allura dan jmur lil hinn mill-kompetenza tiegħu;

Ra dak li seħħ fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2021[6];

Ra n-nota tal-konvenuta Malta Enterprise li biha amplifikat aktar l-ewwel eċċezzjoni tagħha[7];

Ra dak reġistrat fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2022 fejn l-avukat difensur tal-aġenzija konvenuta Infrastructure Malta irrimettiet ruħha dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Malta Enterprise[8];

---

[2] A fol 31 *et seq.*
[3] A fol 36 *et seq.*
[4] A fol 38 *et seq.*
[5] A fol 41 *et seq.*
[6] A fol 50.
[7] Nota relattiva tibda a fol 52 tal-proċess.
[8] A fol 56.

Ra n-nota tal-atturi li biha wieġbu għall-ewwel eċċezzjoni[9];

Ra l-verbal tal-5 ta' April 2022 fejn dan il-proċediment ġie mħolli għall-preżenti sentenza;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel xejn it-Tribunal irid jirrimarka fuq kif svolġa l-*iter* proċesswali f'din il-kawża sa issa. Għalkemm m'huwiex solitu li dan it-Tribunal kif presjedut jispezzetta l-proċeduri tiegħu sabiex jingħataw sentenzi parzjali, ħass il-ħtieġa li jagħmel dan fil-kawża odjerna proprju minħabba dak li jrid l-artikolu 7(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif jifhimha dan it-Tribunal (u kif anke kellu okkażjonijiet jagħmel f'deċiżjonijiet preċedenti) meta konvenut jattakka permezz t'eċċezzjoni l-inkompetenza[10], għandu jieqaf milli jisma' l-każ u jittratta dak il-punt waħdu u *in primis*.

Illi minn qari tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-intrapriża konvenuta, jidher li din qiegħda tallaċċja l-argument tagħha proprju fuq deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Anthony Abela et vs Antoine Vassallo pro et noe,** (Avv Nru: 255/2003) deċiża fl-4 t'Ottubru 2006. Dan it-Tribunal qara u studja dik is-sentenza u jaqbel mar-raġunament hemm mogħti[11], iżda sfortunatament għall-intrapriża konvenuta, dak ir-raġunament m'huwiex applikabbli f'dan il-każ.

[9] A fol 58.
[10] Huwa minnu li l-liġi titkellem dwar ġurisdizzjoni, iżda fil-verità huwa bil-wisq ovvju li din tassorbi fiha wkoll kwistjonijiet ta' kompetenza.
[11] Tajjeb li jiġi senjalat li din il-materja ġiet ukoll deċiża f'sentenza oħra tal-istess Qorti fl-ismijiet **Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi bħala kuratur ta' l-assenti Dr. Armin Bawart vs Goldenegg Enterprises Limited,** (App Ċiv Nru: 273/2006/1) deċiża fit-13 ta' Ġunju 2008. Utli wkoll li ssir referenza għal-sentenza oħra (parzjali) fuq l-istess tematika u ċioé dik fl-ismijiet **N. Calleja Trading Ltd vs Philip Giordmania,** (Ċit Nru: 1175/2022) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-4 ta' Novembru 2004.

Illi hija ġusta l-osservazzjoni magħmula mill-atturi li hija primarjament il-liġi li tirregola dan it-Tribunal li għandha tiġi applikata u dan naturalment in omaġġ tal-prinċipju *lex specialis derogat (legi) generali*[12]. Naturalment, dan ma jfissirx li l-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta qatt m'għandu applikabbilitá fi proċeduri quddiem dan it-Tribunal[13].

Illi lura għal dak li qiegħed jintqal mill-intrapriża konvenuta, jidher (kif wara kollox tissottometti hi fin-nota tagħha) li qiegħda tibbaża r-raġunament tagħha abbażi tal-artikolu 760(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jgħid hekk:

> *760.(1) Fil-kawżi dwar kapitali u mgħaxijiet, il-valur jiġi determinat mis-somom tal-kapitali u tal-imgħaxijiet flimkien.*

Illi mill-banda l-oħra l-artikolu 3(3)(ċ) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> *(ċ) Jekk it-talba tkun għal kapitali u mgħaxijiet, il-valur jiġi determinat mis-somom kapitali kollha flimkien li jkunu qed jiġu mitlubin, u t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni dwar dik it-talba minkejja li s-somom tal-kapital u tal-imgħaxijiet mitlubin ikunu flimkien iġibu iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).*

---

12 *La legge speciale deroga a quella generale* – **Dizionario Dei Termini Iuridici e Dei Brocardi Latini,** Edoardo Mori, VII edizzjoni, 2011, brocard 2690, a fol 258,

13 Hekk per eżempju dan it-Tribunal kellu okkażjoni jiddibatti l-applikazzjoni tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li tintalab xi korrezzjoni wara l-ewwel seduta (**Simonds Farsons Cisk Plc vs Joseph Zammit** digriet mogħti fit-28 ta' April 2022); l-applikazzjoni tal-artikoli 563A u 681 (**Thomas Spagnol et vs Hicham Elsayed Gad Abdelhady et** sentenza mogħtija fid-29 ta' Novembru 2021); l-applikazzjoni tal-artikolu 591 (**AN Holdings Limited vs Owen Gauci** digriet mogħti fit-8 ta' Lulju 2021); u l-applikabbilitá tal-artikolu 741 (**Antonia Mifsud vs No Deposit Cars Malta Limited,** sentenza (u digriet konsegwenzjali) mogħtija mit-28 ta' Jannar 2021).

Illi għalhekk hemm distinzjoni netta bejn dak li trid il-liġi ġenerali u dik li trid il-liġi speċjali. Anzi, wieħed jista' ġustament jasal jgħid li l-artikolu speċjali fil-liġi ta' dan it-Tribunal irid proprju l-oppost ta' dak li jrid l-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ai fini ta' kompetenza tiegħu, it-Tribunal għandu jara biss il-kapital u f'dan il-każ, l-atturi għoġobhom jillimitaw il-pretensjoni tagħhom sal-ammont iddikjarat fl-Avviż, li huwa fil-massimu kontemplat fil-liġi. B'hekk jiġi li huwa dan it-Tribunal li għandu l-kompetenza li jisma dawn il-proċeduri, fuq bażi *ratione valoris*[14].

Illi finalment it-Tribunal ikollu jerġa' jirreġistra li l-informaliżmu li jidher li ħakem l-operat tiegħu tul medda twila ta' snin għadu qiegħed jimmanifesta ruħu[15]. Dan qiegħed jingħad fir-rigward tal-aħħar parti tan-nota tal-konvenuta Malta Enterprise fejn jidher li kienet sejra tħejji xi forma ta' talba sabiex tikkoreġi (jew timmodifika) din l-eċċezzjoni[16]. Dan baqá qatt ma seħħ u allura l-eċċezzjoni ġiet deċiża kif miktuba fir-risposta oriġinali.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intrapriża konvenuta Malta Enterprise u jordna l-prosegwiment tal-proċeduri odjerni.

---

[14] Hekk ġie wkoll similiment deċiż minn dan it-Tribunal (meta kien presedut mill-illum Imħallef Ian Spiteri Bailey) fis-sentenza *in parte* fl-ismijiet **Emanuel Sultana et vs Paul Camilleri,** (Tlb Nru: 1982/2005) mogħtija nhar it-3 ta' Ottubru 2006.

[15] Dan it-Tribunal, diversament presedut, ilu issa għal snin sħaħ jissenjala dan il-perikolu. Fost ħafna, wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal fil-provvediment **Vodafone Malta Limited vs Zisa Logistics Malta Limited** (Tlb Nru: 49/2018KCX) deċiża minn dan it-Tribunal kif hemm presedut nhar il-10 ta' Lulju 2019. Dik is-sentenza ġiet riferuta wkoll fis-sentenza ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet **Antoinette Duffin vs Shaun Zammit** (Tlb Nru: 548/2018) mogħtija nar is-16 ta' Settembru 2021.

[16] Fin-nota il-konvenuta qalet hekk: "*5. Illi għall-korrettezza jingħad li fis-seduta li jmiss ser issir talba biex din l-ewwel eċċezzjoni tiġi korretta billi titnaqqas l-ampjezza tagħha kif ġej:- "Preliminarjament l-inkompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal ratione valoris stante li oltre s-sorte, li huma mal-limitu tal-kompetenza, qed jintalab ukoll il-ħlas tal-imgħax. Tali eċċezzjoni hija vinċibbli biss f'każ li r-rikorrenti jiddikjaraw li huma qed jitolbu l-imgħax biss mid-data tal-preżentata tal-avviż promotur (minflok "tas-sentenza") u mhux mid-data ta' din l-inċident de quo agitur jew tal-ittra ufficċjali".*

L-ispejjeż ta’ dan l-episodju huma riżervati għall-ġudizzju finali.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur